**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Oriana Spiteri)**
**(Spettur Sarah Zerafa)**

**vs**

**Maurice Arrigo**

**Illum 18 ta' Jannar, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Maurice Arrigo,** billi huwa akkuzat talli nhar l-10 ta' Jannar 2020 ghall-habta ta' bejn 0925hrs u 0940hrs minn gewwa Chain Supermarket ta' Triq is-Sur, Fgura, ikkometta serq ta' flixken ta' xorb liema ammont ma jaccedix iktar minn €232.94 u dan ghad-detriment ta l-operaturi tal-kumpanija Chain Supermarket u/jew ta' entitajiet u/jew ta' persuni ohra u dan bi ksur ta' Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

2. Talli nhar l-10 ta' Jannar 2020 ghall-habta ta' bejn 0945hrs u 100hrs minn gewwa Scotts Zabbar, Triq il-Mina ta' Hompesch Haz-Zabbar, ikkometta serq ta' flixken ta' xorb liema ammont ma jaccedix iktar minn €232.94 u dan ghad-detriment ta l-operaturi tal-kumpanija Scotts Zabbar u/jew ta' entitajiet u/jew ta' persuni ohra u dan bi ksur ta' Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

3. Talli nhar is-17 ta' Jannar 2020 ghall-habta ta' bejn 0945hrs u 1000hrs minn gewwa Scotts Zabbar, Triq il-Mina ta' Hompesch Haz-Zabbar, ikkometta serq ta' flixken ta' xorb liema ammont ma jaccedix iktar minn €232.94 u dan ghad-detriment ta l-operaturi tal-kumpanija Scotts Zabbar u/jew ta' entitajiet u/jew ta' persuni ohra u dan bi ksur ta' Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli nhar is-17 ta' Jannar 2020 ta' 0845hrs u 0900hrs minn gewwa Chain Supermarket ta' Triq is-Sur, Fgura bil-hsieb li jwettaq serq, wera b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u liema serq li kieku sehh kien ikun serq li ma jaccedix iktar minn €232.94 u dan ghad-detriment ta l-operaturi tal-kumpanija Chain Supermarket u/jew ta' entitajiet u/jew ta' persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 41, 284 u 285 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta lill imputat Maurice Arrigo bhala ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrat fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Paul Pullicino li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi maghhom il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Il-Qorti thoss li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tal-abbuz minn sustanzi illegali, izda dan ma jfissirx li ma jridx ihallas ghal ghemilu.

Il-Qorti tifhem li persuni bhal imputat ghanhdom jinghataw lghajnuna izda ma tistax ma taghtix kaz il-vittmi tar-reati li jwettqu minhabba l-vizzji taghhom.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat Artikoli 41, 49, 50 , 284, 285 u 412D tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

*In oltre* l-Qorti qeghda tqiegħed lill-hati Maurice Arrigo taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' tliet (3) snin bil kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u l-Parole.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**